MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 11/2002

Carmelo u Christine konjuġi Saliba .
vs

Road Construction Limited .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti sabiex tħallas lill-atturi d-danni hekk kif likwidati u minnhom sofferti kawża ta' inċident li seħħ fl-għoxrin (20) ta' April, tas-sena elfejn u tnejn (2002) u li fih sofriet feriti gravi d-debba ta' l-atturi wara li kisret sieqha meta din daħlet f'ħofra fit-triq, u konsegwenza ta' liema inċident id-debba kellha tiġi eliminata fuq parir tal-veterinarju, u ta' liema inċident inti soċjeta' konvenuta kont unikament responsabbli minħabba imperizja u traskuraġni grassa waqt ix-xogħol ta' kostruzzjoni li sar minnek fl-istess triq u preċiżament fin-nuqqas tiegħek li tagħlaq il-ħofor li saru minnek fl-istess triq .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji li intbagħtu lis-soċjeta' konvenuta fil-5 u fil-11 ta' Ġunju 2002 u ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fl-24 ta' Mejju tat-2002 u bl-imgħaxijiet skond il-Liġi .

Bl-inġunzjoni tas-soċjeta' konvenuta debitament imħarrka għas-subizzjoni .
Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet illi ;

1) Illi preliminarjament hemm in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tittratta u tisma' din il-kawża billi din hija ta' kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar . Difatti l-valur massimu li jista' jiġi reklamat mill-atturi ma jeċċedix il-kompetenza ta' dak it-tribunal .

2) Illi fil-mertu, id-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

3) Illi huwa kkontestat li l-esponenti kienet b'xi mod responsabbli għall-inċident li suppost wassal biex tinqered id-debba ;

4) Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju ghall-premess, l-ammont li qed jiġi reklamat mill-atturi huwa wieħed esaġerat .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha tal-25 ta' April 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Semgħet it-trattazzjoni tal-legali ta' l-atturi .

Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu lis-soċjeta' attriċi għad-danni kkaġunati lilhom minħabba illi d-debba li kien qed isuq l-attur kellha tinqatel billi kisret sieqa ta' wara tal-lemin hekk kif daħlet ġo toqba li kienet ġiet magħmula minn ħaddiema ta' l-istess soċjeta' konvenuta sabiex isir *sampling* tal-*concrete* li kien għadu kemm tqiegħed fit-triq minn fejn kien għaddej l-attur .
In linea preliminari s-soċjeta' konvenuta eċċepiet l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris* minħabba illi l-ammont massimu li setgħu jippretendu l-atturi ma setgħax jeċċedi l-kompetenza tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar . Fil-kawża tagħhom l-atturi jgħidu illi l-pretensjoni tagħhom ma teċċedix l-elfejn u ħames mitt lira maltija (Lm2500) . Għamlu sew għalhekk illi ntavolaw il-kawża tagħhom quddiem din il-Qorti u mhux quddiem it-Tribunal imsemmi, illi għandu kompetenza li ma teċċedix l-elf u ħames mitt lira maltija (Lm1500) . Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufuh respinta .

Dwar il-mertu s-soċjeta' konvenuta qed tiċħad ir-responsabilita' għal dan l-inċident għal tliet raġunijiet :

1. għaliex l-attur ma żammx *a proper look* out bħal ma hu obbligat li jagħmel kwalunkwe sewwieq fit-toroq ;

2. għaliex hija kienet sempliċi kuntrattur tal-Ministeru għal Għawdex ; u

3. għaliex hija ħadet il-prekawzjonijiet meħtieġa biex tavża lill-pubbliku li kienu qed isiru xogħlijiet fit-triq fejn seħħ l-inċident .

Huwa minnu illi anke sewwieq ta' vettura miġbuda minn annimal huwa obbligat li joqgħod attent fis-sewqan tiegħu . Il-Qorti pero' ma tara xejn fil-komportament ta' l-attur illi jista' jindika illi huwa kien b'xi mod negliġenti fil-mod illi huwa kien qed jiggwida d-debba tiegħu li kienet qed tiġbed serkin bih riekeb fuqu . It-toqba illi fiha daħħlet sieqa d-debba ma kienitx xi waħda kbira u daqstant evidenti li ma tistax ma tarahiex . Din kellha dijametru ta' tliet pulzieri u nofs biss . Huwa magħruf illi l-viżwali ta'

sewwieq ta' serkin hija ġia xi ftit jew wisq limitata minħabba l-massa tal-bhima li jkollu quddiemu . Żgur għalhekk illi wieħed ma jistax jistenna illi sewwieq ta' vettura bħal din ser ikun f'pożizzjoni jara toqob simili fit-triq minn fejn ikun għaddej .

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi wkoll illi hija kienet biss kuntrattur ta' ħaddieħor li inkarigaha tagħmel *resurfacing* tat-triq fejn seħħ dan l-inċident . Huwa minnu illi x-xogħol kien qed isir fi triq pubblika . Imma b'daqshekk dan m'għandux jeżimi lis-soċjeta' konvenuta mir-responsabilita' tagħha illi tara illi ma jkunx hemm perikolu fil-post fejn kienet qed twettaq dan ix-xogħol . Huwa ammess illi t-toqba li kienet il-kaġun ta' dan l-inċident saret minn ħaddiema tagħha . Terġa' hi stess tant ħasset illi kellha tieħu xi prekawzjonijiet, illi tgħid li poġġiet il-*barriers* fiż-żewġ trufijiet ta' din it-triq . Imma anke jekk verament kienet għamlet dawn il-barriers biex tindika lil pubbliku illi it-triq kienet magħluqa, ħaġa li ma rriżultatx daqshekk aċċertata, billi s-surġent tal-Pulizija li nvestiga l-każ, stqarr illi huwa ma ra ebda barriers fuq il-post, dan il-fatt waħdu m'għandux jeħlisha mir-responsabilita' . L-ewwelnett kellha taċċerta ruħha illi dawn il-*barriers* jibqgħu kontinwament fil-post sakemm kien għad hemm il-perikolu . Imbagħad anqas jidher illi kien hemm ebda ġustifikazzjoni għaliex din it-toqba u oħrajn li setgħu saru bl-iskop illi jsiru t-testijiet meħtieġa fuq il-*concrete* li ntuża, ma reġgħux imtlew immedjatament, sabiex jiġi eliminat il-perikolu minnufih .

Ir-responsabilita' sħiħa tas-soċjeta' konvenuta hija għalhekk stabilita

Niġu issa għall-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni . Huwa minnu, kif tikkontendi s-soċjeta' konvenuta fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha, illi l-atturi naqsu milli jġibu provi dwar l-entita' tad-danni minnhom sofferti . Huwa ovvju pero' illi, ġialadarba d-debba tagħhom kellha tinqatel minnufih wara dan l-inċident, fuq struzzjonijiet tat-tabib veterinarju li ssejjaħ fuq il-post, huma ġarrbu t-telfa totali ta' din id-debba u għalhekk huma ntitolati għad-danni . Irriżulta mill-provi prodotti illi d-debba ta' l-atturi kellha

tmien snin . Kienet ilha għandhom mit-twelid u kien iħarriġha, anke għat-tlielaq, l-attur stess . Il-Qorti kellha wkoll l-okkażjoni tara diversi ritratti ta' *trophies* u ċertifikati li jindikaw illi din id-debba kienet rebħet diversi kompetizzjonijiet . Jidher għalhekk illi kellha ċertu valur, forsi iżjed minn żiemel ieħor li qatt ma ddaħħal u rebaħ kompetizzjonijiet . Sfortunatament ma tressqu ebda esperti sabiex jilluminaw lil Qorti dwar il-prezz li bhima bħal din setgħet iġġib fis-suq . Għalhekk ser ikollha toqgħod fuq il-buon sens tagħha sabiex tiffissa hija stess *arbitrio boni viri* l-*quantum* tad-danni li huwa xieraq li jiġi likwidat a favur ta' l-atturi . Fil-fehma tagħha, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jidrilha illi somma ta' elf lira maltija (Lm1000) għandha tkun waħda adegwata għal dan il-fini .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-atturi s-somma ta' elf lira maltija (Lm1000), lik884widati in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident msemmi fl-Avviż .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri nterpellatorji mibgħuta lis-soċjeta' konvenuta fil-5 u fil-11 ta' Ġunju 2002 u ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fl-24 ta' Mejju 2002, kontra l-istess soċjeta' konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------